# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1089/12/1 RGM**

**Bank of Valletta p.l.c (C-2833) u b'digriet tat-12 ta' Ġunju 2024 il-kumpanija 35˚14˚ Capital SCC p.l.c. li qed taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ġiet awtorizzata tassumi l-atti minflok Bank of Valletta p.l.c**

**v.**

**Crown Hotels Limited (C-22101)**

**Il-Qorti:**

1. Fis-26 ta' Awwissu 2010, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat il-ftuħ tal-proċess tal-konkors tal-kredituri ta' Crown Hotels Limited.

2. B'rikors ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2012 id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) talab lill-Qorti ddaħħlu fil-lista tal-kredituri fl-ammont ta'

€185,315 għal taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali għas-snin bażi 2004 sa 2009. Il-Qorti laqgħet it-talba dakinhar stess. Permezz ta' nota korrettorja ppreżentata fi Frar 2013, id-Direttur ippreċiża li l-ammont minnu rikjamat kien ta' €339,195.73 u mhux ta' €185,315. Dan minħabba li żied taxxa dovuta minn snin bażi oħrajn. Fin-nota ta' sottomissjonijiet żied talba għall-imgħax.

3. B'sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-gradwazzjoni bil-mod segwenti:

> "**L-Ewwel Grad.**
>
> Bank of Valletta p.l.c. għall-ispejjeż tas-sub hasta 47/2007 u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.
>
> **It-Tieni Grad.**
>
> Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) : **€930.00**
>
> **It-Tielet Grad.**
>
> Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) : **€45,458.95**
>
> **Ir-Raba' Grad.**
>
> Bank of Valletta p.l.c. : **€1,250,177.00**
>
> Peress illi d-depożitu mertu ta' dan il-konkors mhux biżżejjed sabiex jiġu sodisfatti l-krediti konkorrenti kollha, mhux meħtieġ li ssir gradwazzjoni ulterjuri tar-rimanenti krediti konkorrenti.
>
> **Spejjeż.**
>
> Spejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet."

4. Il-funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) u tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) ġew trasferiti fil-Kummissarju tat-Taxxi, li

ppreżenta żewġ appelli mis-sentenza, wieħed dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-ieħor fuq it-Taxxi Interni. Waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru 2024 huwa ċeda l-appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

5. L-aggravji tiegħu huma li:

(1) L-Ewwel Qorti kienet formalistika żżejjed meta kontra l-parir tal-Perit Legali, irrifjutat li tikkunsidra l-ammonti kif emendati.

(2) Kellha tagħtih l-imgħax.

6. Għalhekk talab li din il-Qorti ta' reviżjoni:

(i) Tannulla, tirrevoka u tħassar l-istess sentenza fejn tipprovdi li l-esponenti Kummissarju tat-Taxxi jingħata biss disa' mija u tletin ewro (€930) u minflok tipprovdi illi wara li jitħallas il-Bank of Valletta għall-ispejjeż ġudizzjarji u subastanti mbagħad jitħallas hu fit-tieni grad fl-ammonti li ġejjin:

(ii) Għar-rigward tal-**FSS u KSS**, kif ukoll taxxa addizzjonali u mgħax għal dawn is-somom:

(iii) Taxxa bilanċ sas-sena 2009: **Disa' mija u tletin ewro (€930.00)**;

(iv) Imgħax dovut fuq it-taxxa sas-sena 2009: **Mija u tlieta u erbgħin elf, disa' mija u sebgħin ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€143,970.22)**;

(v) Taxxa FSS għas-snin 2010-2013: **Tmint elef, erba' mija u ħamsa u tmenin ewro (€8,485.00)**;

(vi) KSS għas-snin 2010-2013: **Tmienja u erbgħin elf, mitejn u tmienja u erbgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu. (€48,248.73)**;

(vii) Taxxa addizzjonali FSS sal-2013: **Tlett elef, tliet mija u tlieta u tletin ewro (€3,333.00)**;

(viii) Taxxa addizzjonali KSS sal-2013: **Tmintax-il elf, seba' mija u erba' ewro u sittax-il ċenteżmu (€18,704.16)**.

7. Il-Bank of Valletta p.l.c. ippreżenta Risposta tal-Appell li permezz tagħha laqa' għar-Rikors tal-Appell. Fil-qosor, id-difiża tal-Bank hija din:

(1) Ġaladarba f'xi żmien id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) u d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ġew amalgamati f'persuna waħda tal-Kummissarju tat-Taxxi, *se mai* appell wieħed kellu jitressaq u mhux

tnejn. Dan in-nuqqas proċedurali jirrendi l-appell odjern irritu, null u inammissibli;

(2) L-appell odjern għandu anke nuqqasijiet proċedurali, *stante* illi l-appellant naqas milli jinkludi l-premessi tal-partijiet, id-*decide* tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Mejju 2022 u għalhekk ma jsegwix il-formula mitluba mil-Liġi sabiex jitressaq appell.

(3) Iddefenda lill-Ewwel Qorti meta eskludiet it-talbiet ulterjuri.

(4) Il-Kummissarju appellant qatt ma ta ebda spjegazzjoni dwar kif kienet tirriżulta din il-pretensjoni ulterjuri. 'Crown Hotels Limited' ilha ma topera snin twal. Għalhekk ma jistax jinftiehem kif setgħet terġa' tibda tiddekorri t-taxxa fuq il-kumpanija li mhix topera.

(5) Ma qabilx li għandu jiġi varjat il-kap tal-ispejjeż.

(6) Dwar l-imgħaxijiet, kuntrarju għall-impressjoni li qed jipprova jagħti l-Kummissarju appellant, it-tliet konkorsi dwar is-soċjetà Crown Hotels Limited ma kinux interkonnessi jew mexjin flimkien. Għalhekk id-dejn illi ġie kanonizzat f'Konkors wieħed ma jfissirx illi jkun ġie kanonizzat f'konkors ieħor. Illi għalhekk l-imgħax li joriġina minn somom żbankati minn konkorsi oħrajn, *se mai* jagħmlu stat f'dawk il-konkorsi u mhux fil-

konkors odjern. Il-Kummissarju appellant huwa żbaljat meta jipprova jagħti l-impressjoni illi dawn l-imgħaxijiet u ċjoè somom ta' flus ulterjuri għall-konkors odjern, ġew ammessi f'dan il-konkors. Jiġi sottomess illi *se mai* tali imgħaxijiet huma ammessi u kanonizzati għall-fini tal-Konkorsi oħrajn li mill-iżbanki tagħhom irriżultaw l-istess imgħaxijiet, iżda illi tali somom ta' flus ma jagħmlu ebda stat fil-proċedura odjerna. *Di più* dwar dan jingħad illi *se mai*, il-Kummissarju appellant minn dawk il-Konkorsi jista' jiżbanka dawn l-'imgħaxijiet' iżda l-effett prattiku huwa illi f'dawk il-Konkorsi ma fadalx flus x'jiżbanka u għalhekk qed jittenta jitħallas dawk is-somom ta' flus ulterjuri mill-konkors odjern. *Di fatti*, l-esponenti tissottometti illi minkejja li l-Kummissarju jissottometti illi l-imgħax jimxi mal-kapital, dak jgħodd biss għall-proċeduri ta' konkors fejn ġie Kanonizzat dak il-Kapital. Fil-Konkors odjern, dawk is-somom ulterjuri ma għandhomx dik in-natura ta' imgħax, iżda għandhom biss in-natura ta' somom ta' kreditu ulterjuri illi qed jintalbu *fuori termine* mill-Kummissarju appellant kif spjegat iktar 'il fuq.

8. L-Ewwel Qorti eżaminat *funditus* il-kweżit jekk setax jiżdied l-ammont mitlub wara l-iskadenza tat-terminu, kif jirriżulta minn dan il-bran estensiv tas-sentenza tagħha:

> "**Dwar il-Kwistjoni li d-dipartimenti fiskali bidlu u żiedu l-quantum tal-kreditu pretiż tagħhom matul il-kors tal-proċeduri tal-konkors.**
>
> Kif rajna l-Kummissarju tat-Taxxi ikkonkorra fit-terminu stabbilit mill-artikolu 420 tal-Kap 12. billi talab li l-kreditu tiegħu ta' mija u ħamsa u tmenin elf, tliet mija u ħmistax-il ewro (€185,315) rappreżentanti taxxa

u kontribuzzjonijiet soċjali għas-snin bażi mill-2004 sal-2009 jiġi pregradwat qabel il-krediti tal-konkorrenti l-oħra.

**Artikolu 416 tal-Kap. 12** jipprovdi illi:

> "(1) Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, ikunu ġewiddepożitati flus, illi fuqhom iżjed minn żewġ persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' ħaddieħor jew qabilhom, jew xi interess ieħor, il-qorti, fuq rikors ta' wieħed minn dawk il-pretendenti,tordna, bil-mezz tar-reġistratur, li, f'gazzetta waħda jew iżjed, fosthom f'kull każ il-Gazzetta tal-Gvern, jiġi maħruġ avviż li jgħarraf b'dak id-depożitu u b'dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjaħ lil kull min jista' jkollu interess sabiex iġib 'il quddiem il-jeddijiet tiegħu fi żmien xahar; u meta jagħlaq dak iż-żmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f'dak iż-żmien, ma tista' twaqqaf jew xort'oħra żżomm il-kawża ta' konkors milli tiġi deċiża bejn dawk li jkunu dehru."

**Artikolu 417**

> "Id-deċiżjoni tal-kawża ta' konkors bejn il-kredituri li jkunu dehru fiż-żmien stabbilit, ma twaqqax mill-jeddijiet tagħhom lil dawk il-persuni li ma jkunux dehru; u kull waħda minn dawn il-persuni tista', wara, titlob lura l-flus, kollha jew parti minnhom, mingħand il-kreditur gradwat, kemm-il darba l-jeddijiet tagħha jiġu f'kawża għaliha, magħrufa bħala aqwa jew daqs dawk tal-kreditur gradwat: iżda jekk jiġi ppruvat illi dik il-persuna li għandha jedd aqwa jew indaqs setgħat tidher biex tikkonkorri fiż-żmien li jmiss,in-nuqqas tad-dehra tagħha jista' jitqies fid-deċiżjoni tal-ispejjeż."

**Artikolu 418**

> "Kull min irid jikkonkorri fuq il-flus iddepożitati fil-qorti,għandu, fiż-żmien li jmiss, jippreżenta rikors u fih jitlob li l-kreditu tiegħu jiġi gradwat dwar il-flus. L-ewwel konkorrent għandu flimkien mar-rikors tiegħu jġib kopja taċ-ċedola tad-depożitu."

**Artikolu 420**

> "(1) Bil-preżentata tar-rikors ta' kull wieħed mill-konkorrenti, wara li jagħlaq iż-żmien imsemmi fl-artikolu 416, il-proċess jingħadd magħluq."

Huwa ċar fil-fehma tal-Qorti illi t-terminu ta' xahar stabbilit bl-artikolu 416 fuq ċitat jipreklудi mhux biss li kredituri oħra li ma osservawx dak it-terminu milli jikkonkorru, iżda jipreklудi wkoll lill-istess kredituri konkorrenti milli wara li jresqu l-pretensjoni tagħhom fit-terminu permezz ta' rikors, jittentaw illi jżiedu tali pretensjoni fi stadju ulterjuri billi sempliċement jippreżentaw nota jew billi sempliċement isemmu li għandhom kreditu akbar f'nota ta' osservazzjonijiet.

Il-Qorti ma taqbilx mal-opinjoni espressa mill-Perit Ġudizzjarju illi huwa permess wara l-għeluq tat-terminu stabbilit mil-liġi li kredituri

konkorrenti iżidu l-quantum tal-kreditu minnhom vantat fir-rikors ippreżentat fit-terminu oriġinali ta' xahar. Huwa minnu illi l-ius avocandi ai termini tal-Artikolu 417 jagħti d-dritt anke lill-kredituri non parteċipanti illi wara li jiġi konkluż il- konkors jistitwixxu proċeduri kontra min ikun ġie pregradwat l-ewwel; pero' proprju għalhekk li l-liġi teżiġi li mal-għeluq tat-terminu ta' xahar ma hux permess li jiżdiedu kredituri oħra li ma pparteċipawx fit-terminu legali impost mil-liġi.

Tajjeb jiġi rilevat illi l-Kummissarju tat-Taxxi fl-ebda ħin ma talab illi r-rikors tiegħu tat-30 ta' Novembru 2012 ppreżentat fit-terminu jiġi emendat. Fi stadju ulterjuri huwa ppreżenta nota li sejħilha "korrettorja" fejn żied l- ammont li dwaru qed jippretendi li jiġi pregradwat qabel kredituri oħra; iżda dik minnu msejħa 'nota korrettorja' ma hiex permessa mil-liġi tal-proċedura.

It-termini stabbilit mil-liġi tal-proċedura jitolbu interpretazzjoni stretta in kwantu huma di natura ta' ordni pubbliku. Intqal illi l-proċedura hi "liġi ta' ordni pubbliku u allura l-iprem gwardjan tagħha hi l-Qorti." (ara. **Veronique Amato Gauci et. vs. Marco Zammit et**. – Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) – 19 ta' Mejju 2004). Intqal ukoll illi: "Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura "si debbono osservara alla lettera e non per equipollens" (Vol XVIII pI p879). Dan ghaliex il-procedura hi konsiderata liġi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi "ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eċċezzjoni relattiva jekk ma tiġix sollevata mill-parti l-oħra, jew tiġi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata *ex officio*" (Vol XXXVI.i.204; Vol XLIV.i.421)… Din mhix kwistjoni ta' formaliżmu iżda ta' miżura ta' dixxiplina proċesswali li mill-osservanza tagħha tibbenefika l-andament kif imiss tas-sistema kollu. Ara. **Maurice Cefai vs. Doris Fenech** – Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri – 22 ta' Novembru 2002)

Isegwi għalhekk illi ma l-għeluq tax-xahar stabbilit mil-liġi l-proċess jingħad magħluq u l-ebda konkorrent ma jista', jressaq pretensjonijiet ulterjuri li ma jkunux tresaqu fir-rikors preżentat fit-terminu.

Għalhekk f'dawn il-proċeduri il-Qorti hi marbuta li tieħu biss in konsiderazzjoni il-krediti kif imressqa fir-rikorsi preżentati fit-terminu legali u mhux pretensjonijiet oħra imressqa b'noti wara li skada dak it-terminu.

Konsegwentement fejn jirrigwardja id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) l-Qorti ser tikkunsidra bħala kreditu konkkorrenti l-ammont ta' €185,315 indikat fir-rikors preżentat mill-istess Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) fit-30 ta' Novembru 2012 iżda mhux ammonti oħra imressqa fi stadju ulterjuri tal- proċedura odjerna."

9. Din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Ewwel Qorti.

10. Sewwa qalet dik il-Qorti li t-terminu ta' xahar impost fl-Art. 416 irid jiġi osservat u ma jistax jiġi injorat, għar-raġunijiet minnha esposti u li din il-Qorti m'hemmx għalfejn toqgħod tirrepetihom.  Dik il-Qorti sewwa wkoll irrimarkat li għeluq ix-xahar, il-proċess jingħadd magħluq. Dan skont dispożizzjoni leġiżlattiva espressa (Art. 420(1) tal-Kap. 12).  B'konformità mad-divjet espress li jinstab f'dak l-Artiklu, fil-***Konkors ta' Kredituri ta' Testing Limited***,[1] din il-Qorti, diversament kostitwita, iddeċidiet li n-nuqqas ta' talba fit-terminu jġib il-konsegwenza li l-kreditur li jitfaċċa biex jagħmilha ma jitqiesx parti mill-konkors.

11. L-appellant, l-istess bħall-perit legali, jargumenta li ġaladarba l-liġi tippermetti kreditur li ma jkunx ħa sehem fil-proċeduri li jikkonkorri f'konkors ieħor, allura wieħed irid ikun prattiku u jħalli lill-kreditur jipparteċipa biex iżid il-pretensjoni inizjali tiegħu, anke jekk jagħmel dan *oltre* t-terminu ta' xahar.  Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-propożizzjoni. Ibda biex, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, it-termini imposti mir-rit proċedurali qegħdin hemm biex jiġu segwiti. Barra minn hekk, il-*jus avocandi* kontenut fl-Art. 417, bħala eċċezzjoni għar-regola tal-ġudikat, għandu jiġi interpretat restrittivament. Sabiex din il-liġi tiġi mħaddma, jinħtieġ li jkun hemm kreditur li ma jkun ipparteċipa bl-ebda mod fil-konkors, billi l-ġurisprudenza stabbiliet illi l-kreditur li jitlob li jiġi

[1] Appell Superjuri, 3/3/2006.

ammess fil-konkors jitlef id-dritt għall-azzjoni avokatorja anke jekk it-talba tiegħu għall-ammissjoni tiġi miċħuda mill-Qorti.[2] Anke kreditur li jikkonkorri dwar kreditu partikolari mhux ammess imbagħad li jesperixxi l-azzjoni avokatorja dwar kreditu differenti, minkejja li jkun għamel riżerva espressa fl-att li bih ikun talab l-ammissjoni tiegħu fil-konkors.[3] Tassew li kreditur li ma pparteċipax jista' jerġa' jiftaħ il-kotba; iżda għal kreditur li jipparteċipa hemm l-ostaklu tal-ġudikat. Għalhekk mhux il-każ fejn jekk jingħalaq bieb f'wiċċ kreditur parteċipant, billi ma jitħalliex iżid il-pretensjonijiet tiegħu wara l-għeluq tax-xahar, allura dan jista' jmur iħabbat bieb ieħor permezz tal-azzjoni avokatorja. L-indulġenza li tikkonċedi l-liġi hija ristretta għal min ma jkunx parteċipant. U anke dan, jekk seta' pparteċipa iżda naqas li jagħmel dan, jeħel l-ispejjeż tal-proċedura. Imma għal min jipparteċipa, hemm terminu qasir u strett. Dan fl-interess tal-ispeditezza, hekk meħtieġa f'materji kummerċjali.

12. Imbagħad l-Ewwel Qorti lanqas ħarbitilha ċirkostanza oħra li anke kieku kienet ammessa ż-żieda ta' krediti wara t-terminu tax-xahar, din xorta kienet tkun fatali: peress li ż-żieda ma saritx permezz ta' rikors, kif impost fl-Art. 416. Fid-deċiżjoni mogħtija fil-konkors fl-ismijiet ***Lawrence Farrugia et v. Portelli & Pisani Limited et***,[4] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili eskludiet mill-konkors dawk il-kredituri li ressqu l-pretensjoni tagħhom

---

[2] Brincat v. Zammit Qorti tal-Appell 16.12.1878; *Park Hotel Limited v. Bank of Valletta plc* (Appell Superjuri, 24/6/2016).
[3] *Dr. Antonio Brincat v. Sac. Don Paolo Zammit* (Prim'Awla, 16/12/1878).
[4] Prim'Awla, 20/4/2009 (Rik. Nru. 123/2007 GV).

b'nota, u mhux b'rikors. Għalhekk iż-żieda hija irrita u nulla. Dan apparti biex tgħaxxaqha, id-Direttur ikkonċernat lanqas biss indenja jitlob lill-Qorti permess biex jintroduċi din iż-żieda fl-atti.

13. Billi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud, ma hemm l-ebda siwi li l-Qorti tikkunsidra l-aggravji l-oħrajn. B'mod partikolari, l-aggravju dwar l-imgħax ukoll sar tardivament. Hekk ukoll ladarba nstab li l-appell mhuwiex mistħoqq fil-mertu tiegħu, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fuq il-preġudizzjali dwar in-nullità tal-appell minħabba l-mod ta' kif inkiteb.

14. Għar-raġunijiet fuq esposti, l-appell qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza tal-Ewwel Qorti qiegħda tiġi kkonfermata. Spejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell ikunu a karigu tal-appellant.

| Mark Chetcuti | Grazio Mercieca | Christian Falzon Scerri |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da